**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Diċembru 2019

Rikors Numru: 93/2016 AL

**A B f'isimha u f'isem u bhala kuratur *ad litem* tal-minuri C D skont digriet tal-Qorti tat-18 ta' Mejju, 2016**

Vs

**E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fit-28 ta' April, 2016 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu C D li llum għandu erbatax (14) -il sena;
2. Illi l-partijiet m'għadhomx flimkien u reċentement l-esponenti bdiet trabbi il-minuri waheda;

3. Illi l-esponenti tixtieq li tingħata l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri;

4. Illi minkejja li kien hemm ftehim informali li jgħaddi manteniment għat-tifel, l-intimat mhu qiegħed jghaddi ebda manteniment għall-minuri;

Talbet li l-konvenut igħid ghaliex din il-Onorabbli Qorti m'għandhiex :

1. Tordna li l-kura u l-kustodja għandha tkun fdata lill-esponenti A B;
2. Tiffissa manteniment adekwat ghall-minuri li ghandu jitħallas direttament lill-esponenti A B;
3. Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt għas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn ir-rikorrenti qegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' iben il-partijiet C D imwieled fis-17 ta' April 2002.[1] Hija titlob ukoll li l-intimat jiġi ordnat iħallas manteniment għall-minuri C.

[1] Certifikat tat-twelid tal-minuri jinsab esebit a fol 35 tal-process.

Jirriżulta li l-intimat ma ppreżentax risposta fit-terminu stabbilit mil-Liġi, għalhekk, huwa kontumaċi skont il-Liġi, kif jirriżulta mill-verbal datat 4 ta' Ottubru 2016.[2]

**Provi:**

Ir-rikorrenti xehdet fejn qalet li hi kellha relazzjoni ta' 21 sena mal-intimat, illi qatt ma kienu żżewġu iżda minn din ir-relazzjoni twieled C fis-17 ta' April 2002. Spjegat li hi u l-intimat ilhom erba' snin separati, u binhom igħix magħha, l-intimat la jara lit-tifel u lanqas iħallas manteniment. Xehdet li kienu igħixu f'fond B'kara, li kien bil-kera u meta' l-intimat qaleb dan il-fond fuq ismu, hi kellha titlaq, minkejja il-fatt li kienet ħarġet nofs l-ammont ta' LM10,000 li kienu tħallsu bħala rigal biex jinkera dan il-fond.

DWAR IL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[3], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[4], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

---

[2] Fol 17.

[3] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;

[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[5], u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[6], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[7].

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

"(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.

(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

---

[5] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956

[6] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).

[7] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3).Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust."

(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust."

APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Fil-każ, in eżami, jirriżulta li l-intimat E D huwa kontumaċi u għandu jingħad li l-kontumaċja hija fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni." (Charles Saliba vs Salvu Borg – deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif ġie referut minn dawn il-Qrati, l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita tal-fatti."[8]

Għalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova t-talbiet tagħha huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-intimat ilu li sseparа minn mar-rikorrenti mis-sena 2014. Fil-fatt, ir-rikorrenti fix-xiehda tagħha datata Jannar 2018 stqarret li hi u l-intimat ilhom li sseparaw ghal erba' snin. Ir-rikorrenti stqarret ukoll li f'dawn l-ahhar snin, l-intimat zgur li ma hax hsieb il-kura u kustodja ta' ibnu, u lanqas rah. Fil-fatt, ir-rikorrenti qed titlob l-arretrati ta' manteniment għall-erba' snin li għaddew u biex ikompli jħallas il-manteniment għal ibnu C. Għalhekk, l-

[8] Ruth Apap vs Noel Apap deciza mill-Prim' Awla fit-30 ta' Gunju 1995, u Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe, Prim' Awla deċiża fil-15 ta' Jannar 2014; Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea, Prim' Awla deċiża fis-26 ta' April 2001; Ronald Miclalef et vs Subway Malta Limited, Prim' Awla deċiża fis-6 ta' Marzu 2001.

intimat ma jidhirx li aġixxa ta' ġenitur responsabbli. Jirriżulta mill-att tat-twelid, li C twieled fis-17 ta' April 2002, għalhekk illum għandu sbatax(17)-il sena. Jirriżulta ċar mill-provi li l-intimat ma aġixxiex ta' ġenitur responsabbli.

Ir-rikorrenti fix-xiehda tagħha qalet li l-intimat kellu u għad għandu problema ta' droga. Għalhekk, jista' jingħad li l-intimat ċertament ma jistax jitqies il-persuna ideali li għandu jiġi fdat bil-kura u kustodja ta' ibnu C.

Il-Qorti qegħda tikkonsidra wkoll li l-intimat f'din il-kawża ma deherx biex jikkontesta jew jitlob xi tip ta' aċċess minimu għal ibnu. Inoltre`, jidher li fiż-żmien li l-partijiet ilhom separati, l-intimat ma kienx qed jara u jew jsegwi lil ibnu.

Dwar il-manteniment, għalkemm ma nġiebet ebda prova dwar il-meżżi rispettivi tal-partijiet, il-Qorti dejjem irriteniet li l-ġenitur ma jistax jabdika mir-responsabbilta` li jmantnu lill-ulied materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil ulied anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Din il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq ir-responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.

Għalhekk, għar-raġunijiet spjegati, il-Qorti qegħda tordna lill-intimat iħallas is-somma ta' mitejn (€200) lir-rikorrenti bħala manteniment għal ibnu C, liema somma mensili tkun tinkludi l-manteniment għal ibnu u s-sehem mill-ispejjeż inkorsi għall-edukazzjoni, għas-saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jipperċepixxi l-intimat u jibqa' jithallas sakemm C jagħlaq it-tmintax (18)-il sena. Iżda, fl-eventwalita` li iben il-partijiet jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifel jagħlaq l-eta` ta' tlieta u ghoxrin(23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali, in konnessjoni mal-minuri, inkluż 'children's allowance' għandu jkun perċepibbli mir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti qed tippretendi wkoll il-ħlas tal-arretrati tal-manteniment minn meta sseparaw il-partijiet, u l-intimat waqaf iħallas il-manteniment għal ibnu. Mix-xiehda tar-rikorrenti datata Jannar 2018, hija stqarret li l-partijiet kienu ilhom erba' snin separati, b'hekk ser jiġi ffissat il-manteniment għall-minuri li kellu jitħallas mill-intimat għal dak il-perjodu. Il-Qorti qed tistabilixxi manteniment minn Jannar 2014 sal-preżenti, bir-

rata ta' mitejn Ewro fix-xahar (€200), inkluż l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tat-tifel, fis-somma komplessiva ta' erbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€14,400).[9]

**DECIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri C D qed tiġi fdata unikament u esklussivament lir-rikorrenti A B, b'dan li kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħedha mingħajr il-bżonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn Ewro (200) fix-xahar, rappreżentanti manteniment għall-minuri C D li jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa, tal-edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali, li jista' jipperċepixxi l-intimat. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` maġġorenni ta' tmintax (18)-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li iben il-partijiet jibqa' jistudja, fuq bażi full-time, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifel jagħlaq l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż 'children' s allowance' għandu jkun perċepibbli mir-rikorrenti.

Tordna wkoll lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf u erba' mitt Ewro(€14,400) rappreżentanti manteniment għall-minuri għall-perjodu minn Jannar 2014 sal-preżenti, inkluż l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tat-tifel, bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

---

[9] €200 x 12 xahar ghal sitt snin (minn Jannar 2014 sal-prezent), naqqas xhar ta' Dicembru 2019.